IX-XGHAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru60(Sittin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fl-uffiċċju amministrattiv nhar il-Ġimgħa 26 ta' Mejju, 2023, fil-4.00pm

| **Preżenti:** | Il-Membri |
|---|---|
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsilliera | Raymond Camilleri |
| | Anthony Valvo |
| | Mary Doris Borg |
| **Assenti b'Apoloġija** | |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**60.1. Item Nru 60.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

60.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-4.10 u s-Segretarju Ezekuttiv avża li s-Sa. Rosabelle Pulis mhux ser tkun prezenti għal laqgħa minhabba li tinsab indisposta. Il-Kunsill qabel li tkun skużata.

**60.2. Item Nru. 60.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

60.2.1 Il-Minuti ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati b'mod unanimu.

**60.3. Item Nru. 60.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

60.3.1 Is-Sindku qal li l-bandli irċevejna mingħand il-kuntrattur li ser jittardja x-xogħol minħabba li hemm magna bil-ħsara u ta' dan ser ituna 2 bandli extra. Il-Kunsill qabel unanimament li tiġi accettata din il-proposta. Dan ser iwassal għal dewmien ta' madwar ġimgħatejn.

60.3.2. Is-Sindku qal dwar il-jogging track li dil-ġimgħa tħabbru l-proġetti li ġew aċċettati u tagħna ma kienx fosthom. Dan il-fatt nissel diżappunt minkejja li qalulna li l-proġett tagħna jiffittja eżatt u

talbuna wkoll nagħmlu aktar spejjez ta' 3D designs u pjanti li jiswew il-fuq minn 4,000 oħra apparti l-ispejjeż li saru s'issa fuq pjanti periti u nies professjonisti.

60.3.3 Is-Sindku tkellem dwar il-concession tal-hall u qal li bqajna ma rċevejna xejn mil-lands minkejja li issa għaddejin ix-xhur.

60.3.4 Is-Sindku qal li dwar id-devoluzzjoni tal-uffiċċju lanqas għadna ma rċevejna xejn mil-lands

60.3.5 Is-Sur Attard tkellem fuq l-applikazzjoni tal-attivita tas-sajf u qal li s'issa għadna ma rċevejna xejn u nittamaw li ma jdumux biex iħabbru sabiex inkunu nistgħu nilħqu nippjanaw sewwa.

60.3.6. Is-Sindku qal li dwar il-proġett tal-bandli dan ser jiġi jiswa aktar mil-kuntratt tad-Development Planning funds minħabba li wara li saret l-ispezzjoni mil-perit tal-kuntrattur dan irrimarka li hemm xi xogħol ta' manutenzjoni li jrid isir u għalhekk ser nipprovaw niktbu lil Planning Authority sabiex isir estensjoni tal-kuntratt u nkunu nistgħu napplikaw għad-differenza tal-fondi. Dawn il-fondi addizzjonali ilaħqu l-fuq minn 15,000.

60.3.7 Is-Sur Attard tkellem dwar iż-*zebra crossing* u qal li issa li sibna kuntrattur beda x-xogħol. Din maħsuba li tkun lesta fil ġranet li ġejjin.

60.3.8 Is-Sindku qal li kellu laqgħa ma' Jeffrey u David ta' El Catalan u dawn lesti li joffru bħala donazzjoni struttura tal-bandli u tiġi installata fil-bandli tax-xatt. Din l-istruttura hija imdaqqsa sew u ser tkun ta' valur addizzjonali għal dan il-bandli li għad irid isir. Il-Kunsill beda l-Kuntratt mal-Kuntrattur tal- bandli tax-xatt ukoll u dawn diga avzajnihom b'din l-istruttur. Il-Kuntrattur lest li jinstallawha huma u titwaħħal fuq fejn hemm it-tapit bħalissa sabiex imbgħad il-bandli l-ġodda jeħlu wara l-latrina eżatt flok il-gazebo.

60.3.9 Is-Sindku tkellem fuq ir-railing tax-xatt u qal li miexi bilmod wisq. B'din ir-rata għandna 10 snin. Irridu pjan serju ta' meta ser jitkompla.

60.3.10 Is-Sur Attard qal li għamilna kuntratt mat-Tourism Foundation Zones li ser ikopri b' €5,000 xogħol ta' konkos fejn iz-zona tal-milord kif ukoll b' €5,000 ammont għal bins li ser jitwaħħlu max-xatt fosthom bins tal-ħmieġ tal-klieb.

60.3.11 Is-Sindku qal li bħal ma smajtu qed issir liġi ġdida dwar il-caravans. Ġejna mistiedna għal laqgħa mal-Ministru Owen Bonnici, il-Ministru Clayton Bartolo u s-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli fejn iddiskutejn l-punti tax-Xgħajra u għandnix post fejn nistgħu inżommu l-caravans li jmorru hemm biss. Din il-liġi ser issir għal dan is-Sajf u ser ikun hemm ħlas ta' €10 kuljum għal min irid jiġi joqod fil-caravan fix-Xgħajra. Il-Kunsill iddiskuta u li dawn jinżammu biss quddiem l-impjant tad-drenaġġ.

60.3.12 Is-Sindku qal li bħala kunsill qabel l-kirja tal-ground tal-football ser tieqaf b'mod temporanju. Kulħadd qabel.

**60.4 Item Nru 60.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

60.4.1 Is-Sa. Doris Borg staqsiet fuq il-laqgħa mar-residenti u talbet biex kulħadd jaqbel fuq data fejn ser issir din il-laqgħa. Kulħadd qabel li ssir nhar it-22 ta' Ġunju fil-5pm.

60.4.2 Is-Sa. Borg staqsiet jekk irrispondejnix l-ittra bl-avukat li irċevejna dwar storbju u fastidju ieħor li qed jallegaw ġej miċ-ċentru Alijoy. Hi kompliet u qalet li tista tassigura li dan kollu huwa gideb. Is-Sindku qal li għandna ma wegibnijiex u ser nieħdu parir legali imbgħad jirrispondi l-avukat.

5.05pm Is-Sinjura Doris Borg talbet li tiġi skużata mil-laqgħa minħabba impenji oħra.

**60.5 Item Nru. 60.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

60.5.1 Is-Segretarju ipprezenta r-rapport finanzjarju tas-sena 2022 awditjat u dan ġie diskuss. Is-Segretarju qal li l-posizzjoni finanzjarja tindika li għamilna telf ta' 32,000 għas sena 2022 u għalhekk hemm bżonn li din is-sena nirkuprawhom sabiex nispiċċaw f'posizzjoni tajba. Hu talab lill-Kunsill sabiex jikkopera u noqodu lura minn spejjeż li nistgħu ngħaddu minajrom. Dan ir-rapport ġie approvat unanimament

**60.6 Item Nru. 60.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

60.6.1 Xogħol ieħor ġie diskuss aktar kmieni.

**60.7 Item Nru. 60.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

60.7.1 Pagamenti b'numru 123 ġew approvati unanimament.

**60.8 Item Nru. 60.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

60.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**60.9 Item Nru. 60.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

60.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-5.15pm

Aġġornament għal nhar it-Tlieta 27 ta' Ġunju, 2023

| | |
|---|---|
| Ranier Busuttil | Neil Attard |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |